**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta' Marzu, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**
**-vs-**
**Khaled Mahmoud Abdulkasem detentur tad-dokument tal-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali bin-numru 14477**

*Kawża Sommarja Nru.1993/2025*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Khaled Mahmoud Abdulkasem** u ċioè talli:

**Nhar is-sittax nhar is-16/02/2025 u fil-ġranet u, jew ġimgħat ta' qabel ġewwa San Ġiljan u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer**

1. Kiser il-kundizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella LL. D, datat 15 ta' Mejju, 2024 f'dan li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li jirrapporta fl-grassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan kull jum

2. Naqas milli jħares xi kondizzjoni jew kundizzjonijiet imposti fuqu nhar it-8 ta' Frar 2025 meta nħeles mill-kustodja kif hemm provdut fis-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 355AL meta naqas milli jattendi l-Iskwadra ta' kontra id-Droga, Depot tal-Pulizija, Floriana ghal aktar investigazzjonijiet fid-data w

'l-ħin li ġie mogħti lilhu u dan bi ksur ta' Artikolu 355AL (5) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll titratta lil Khaled Mahmoud Abdulkasem bħala persuna reċidiva meta ġie sentenzjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula u dan bi ksur tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti ġiet mitluba li tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta' l-imsemmi Khaled Mahmoud Abdulkasem u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-imsemmi imputat u, jew tordna li is-somom marbuta jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta

Rat li waqt l-udjenza miżmuma llum, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

**Piena**

Illi dwar il-piena l-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat, tal-fatt li hu bniedem li jinħtieġ għajnuna biex jegħleb il-vizzju tad-droga, tal-fatt li l-vjolazzjonijiet tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien ilhom jipperduraw minn Ġunju 2024. Il-fedina penali tal-imputat turi l-inaffidabilita tal-imputat hekk kif tirrisali sa mill-2016. Ċertament post l-imputat mhux fis-soċjetà sakemm ma jitgħallimx li l-ordnijiet tal-Qrati għandhom jiġu rispettati.

Hawn ukoll il-Qorti hi perplessa kif kellhom jgħaddu kważi sena u nofs biex l-imputat jitressaq fuq ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Ir-rispett lejn l-ordnijiet tal-Qorti għandu jiġi mill-Pulizija stess li fuqha jaqa' d-dover li tressaq minnufih persuni li sfaċċatament jiġu jaqgħu w iqumu mill-ordnijiet tal-Qrati.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50 u 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah ghal piena ta' **multa ta' tmien mitt Ewro (€800).**

Inoltre, il-Qorti filwaqt li tordna ir-**ri-arrest immedjat** tal-imputat, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depożitu ta' tmien mitt ewro (€800) u l-konfiska ulterjuri ta' elf Ewro (€1,000) kif imposti bħala garanzija personali mill-Maġistrat Dr. Gabriella Vella bid-digriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2024.

Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex permezz ta' nota ippreżenta kopja ta' din is-sentenza fl-atti tal-kawża **Repubblika ta' Malta vs Khaled Mahmoud Abdulkasem**, liema proċediment kien qed jinstema quddiem l-Onor. Maġistrat Dr. Gabriella Vella.

Finalment in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmulha tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lil Kummissarju tal-Pulizija.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur.(Int. Law)**
**Maġistrat**

Notifika: Kummissarju tal-Pulizija

Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali